MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 907/2011

**Carmel Briffa, karta ta' l-identita` numru 519076 (M) u Stephanie Briffa, xebba Decelis, mizzewgin, karta ta' l-identita` numru 596677 (M)**

**Vs**

**Joseph Cardona, karta ta' l-identita` numru 40347 (M) u Carmen Cardona, karta ta' l-identita` numru 1071547 (M)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat promotur datat il-15 ta' Settembru, 2011, li permezz tieghu r-rikorrenti ppremettew is-segwenti:

1. Illi l-procedura odjerna qed tittiehed in segwitu ghas-sentenza finali ta' din il-qorti fl-ismijiet

**Carmel Briffa u Stephanie Briffa vs Joseph Cardona u Carmen Cardona et deciza fil-25 ta' Frar, 2010**;

2. Illi l-pretensjoni tar-rikorrenti fil-kawza msemmija fil-paragrafu precedenti kienet ibbazata fuq l-artikolu 7 tal-kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Mario Bugeja tas-7 ta' Settembru, 2005;

3. Illi *ai termini* tal-imsemmi artikolu l-intimati Cardona kienu bieghu lir-rikorrenti Briffa l-fond numru 83, *Carriage Inn*, Triq K. Galea, Birkirkara, u l-fond numru 85, fl-istess triq, liema fond kellu jintuza biss bhala garaxx ghall-karozzi u l-ebda bdil tal-uzu tal-istess fond ma kellu jsir mill-bejjiegha jew is-successuri taghhom, liema kundizzjoni kellha wkoll tigi mposta f'kull trasferiment sussegwenti;

4. Illi fis-sentenza precitata jirrizulta li wara li giet stabbilita r-responsabbilita` tal-intimati Cardona, l-istess qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni, liema rimedju hu konsegwenzjali ghad-decizjoni fuq ir-responsabbilita`;

5. Illi d-danni rikjamati jikkonsistu f'telf ta' valur ta' proprjeta` u f'telf ta' kwalita` ta' hajja naxxenti minn inkonvenjent stante li l-fond *de quo*, numru 85, mhux aktar garaxx izda qed jigi operat bhala *hairdresser* u ghalhekk igib prezz anqas minn garaxx apparti l-inkonvenjent ta' nies fuq bazi regolari u storbju inevitabbli;

6. Illi *di piu`*, hemm ukoll danni ezistenzjali peress li r-rikorrenti jzommu t-trabi ta' familjari taghhom, u jekk ikunu kostretti jiccaqalqu, jidhlu fi spejjez u nkonvenjenti inutili;

7. Illi in vista tal-premess talbu lil din il-qorti:

i. Tiddikjara u tiddeciedi li in segwitu tas-sentenza fuq citata l-intimati huma responsabbli solidalment li vvjolaw il-kuntratt fuq indikat;

ii. Tillikwida d-danni hekk ikkawzati;

iii. Tikkundanna lill-intimati solidalment ihallsu d-danni hekk ikkawzati;
iv. Bl-ispejjez u b'riserva ta' kull dritt li jista' jkollhom;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat Joseph Cardona datata t-18 ta' Novembru, 2011, li permezz taghha sintetikament wiegeb bil-mod segwenti:

1. Illi l-fatti kif esposti mir-rikorrenti fl-ewwel paragrafu tar-rikors promotur m'humiex kontestati ghalkemm l-ohrajn huma;

2. Illi m'hemmx inkonvenjent ikkagunat lir-rikorrenti u jekk hemm, dan hu minimu u fil-limiti tat-tolleranza ta' *buon vicinat*;

3. Illi fi kwalsiasi kaz, ma jwassalx ghad-dannu patrimonjali rikjamat;

4. Illi l-proprjeta` tar-rikorrenti hu mibni fuq tlett (3) garaxxijiet u l-kondizzjoni in dizamina hi limitata ghal-fond numru 85;

5. Illi l-garaxx inkriminat effettivament hu sitwat fil-fond numru 87;

6. Illi ghalhekk l-uzu tal-fond in dizamina bhala *hairdresser* ma jaffettwax il-valur tal-proprjeta` tar-rikorrenti;

7. Illi di piu`, l-azzjoni hi preskritta ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Illi l-Kodici Civili ma jikkomtemplax danni ezistenzjali;

9. Illi l-fond de quo ma holoqx inkonvenjent li jissupera t-tolleranza mistennija mill-principji tal-*buon vicinat*;

10. Illi r-rikorrenti ma sofrew l-ebda dannu patrimonjali stante li dawn huma biss ipotetici;

11. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda;

Rat ir-risposta tal-intimata Carmen Cardona datata l-31 ta' Jannar, 2012, li permezz taghha l-intimata sintetikament wiegbet bil-mod segwenti:

1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma preskritti ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta fuq citat;

2. Illi l-Kodici Civili ma jikkontemplax il-hlas ta' danni ezistenzjali;

3. Illi l-uzu tal-fond in dizamina ma holoqx inkonvenjent li jissupera t-tolleranza mistennija mill-principji tal-*buon vicinat*;

4. Illi r-rikorrenti ma sofrew l-ebda dannu patrimonjali anke stante li dawk allegati huma biss ipotetici;

Rat it-talba tal-abbli rapprezentant legali tal-intimati datata t-2 ta' Frar, 2012, li permezz tieghu talab il-kapovolgiment tal-provi biex tigi ndirizzata l-ewwel risposta senjatament dik rigwardanti l-preskrizzjoni;

Rat li l-abbli rapprezentant legali tar-rikorrenti irrimetta ruhu ghall-imsemmija talba;

Rat id-digriet taghha tal-istess data ndikata fil-paragrafu ta' qabel, (it-2 ta' Frar, 2012), li permezz tieghu ordnat il-kapovolgiment tal-provi limitatament fuq din l-ewwel eccezzjoni;

Rat l-affidavit prodott, (ara fol 55 *et sequitur*), li permezz tieghu sintetikament stqarr is-segwenti;

1. Illi wara li r-rikorrenti bieghu l-fondi meritu ta’ din il-procedura bdew proceduri gudizzjarji kontra l-intimati odjerni u ohrajn;

2. Illi l-imsemmija proceduri kienu decizi fil-25 ta’ Frar, 2010, (ara fol 10 *et sequitur*);

3. Illi ma kien hemm l-ebda appell mill-imsemmija sentenza u ghalhekk kienet finali;

4. Illi sakemm jiftakar l-intimat Cardona, ir-rikorrenti qatt ma nterpellawh b’att gudizzjarju jitolbuh ghal danni minhabba dik il-procedura hekk deciza bis-sentenza fuq riferita;

5. Illi l-uniku haga li kien hemm, kien skambju ta’ korrispondenza bejn ir-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Rat il-verbal tal-abbli rapprezentant legali tar-rikorrenti datat it-2 ta’ Lulju, 2012, li permezz tieghu informa lill-qorti li ma kellu l-ebda provi x’jipproduci fir-rigward;

Rat il-verbal tal-istess 12 ta’ Lulju, 2012, li permezz tieghu awtorizza lill-partijiet jipprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom fir-rigward bil-miktub;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-intimati Cardona datata t-3 ta’ Settembru, 2012, u r-risposta tar-rikorrenti Cardona datata s-17 t’Ottubru, tal-istess sena;

Ikkunsidrat:

Illi l-vertenza odjerna hi f’dan l-istadju limitata ghall-epurazzjoni tar-risposta preliminari sollevata mill-intimati ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta liema artikolu jghid:

“L-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b’reat taqa’ bi preskrizzjoni bl-eghluq ta’ sentejn”;
Ikkunsidrat:

1. Illi b'kuntratt datat is-7 ta' Settembru, 2005, in atti tan-Nutar Dottor Bugeja fuq gia` riferit, ir-rikorrenti Briffa bieghu il-fondi numri 83 u 85, Triq K. Galea, Birkirkara, lill-intimati Cardona;

2. Illi skont il-klawsola numru sebgha (7) tat-tieni parti tal-istess kuntratt, (ara fol 8 *et sequitur*), dan il-fond numru 85 kellu jintuza biss bhala garaxx;

3. Illi l-imsemmi garaxx hu wiehed minn tlieta sottoposti ghad-dar mibjugha;

4. Illi f'Lulju 2007, l-intimati Cardona bieghu l-imsemmi fond lil terzi li bdew juzaw bhala *hairdresser;*

5. Illi rizultat tal-istess ir-rikorrenti Briffa ntavolaw kawza fl-ismijiet Briffa et vs Cardona et fuq gia` riferita, li kienet deciza fil-25 ta' Frar, 2010, liema sentenza ma gietx appellata;

6. Illi sussegwentement ir-rikorrenti odjerni Briffa intraprendew ukoll il-procedura odjerna ghall-iskopijiet fuq indikati;

Ikkunsidrat:

Illi l-vertenza in dizamina hi hawn indirizzata mill-istess rikorrenti ghall-hlas tal-hsarat minnhom rikjamati vertenza li lanqas fil-procedura precedenti deciza minn din il-qorti diversament preseduta fis-sentenza taghha tal-25 ta' Frar, 2010, ma jirrizulta li tqajjmet mill-istess rikorrenti;

Illi l-hsarat hekk hawn rikjamati ma jirrizultawx li huma naxxenti minn xi reat;

Illi ma jirrizultax mix-xhieda prodotta li r-rikorrenti nterpellaw lill-intimati ghal tali danni fi zmien mill-kuntratt tas-7 ta' Settembru, 2005, sad-data meta giet intavolata l-procedura odjerna il-15 ta' Settembru, 2011;

Illi ghalhekk il-perjodu preskrittiv ma jirrizultax li gie nterrott stante li ma jirrizultax li gie pprezentat att gudizzjarju ghal dan l-iskop;

Illi dikjarazzjoni ghal danni bhal dik in dizamina ghandha tkun espressament intavolata stante li wiehed ma jistax jassumi li talba ghar-responsabbilita` awtomatikament tinkorpora talba ghal danni – talba hi separata u distinta u li necessarjament trid tigi espressament mitlub minn min hu dovut u li *di piu`*, lanqas tista' titqajjem mill-qorti *ex ufficio*;

Illi konsegwentement tiddikjara li qed takkolji din ir-risposta preliminari tal-intimati u tiddikjara li t-talbiet tar-rikorrenti Carmel u Stephanie Briffa huma preskritti *ai termini* tal-artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

________________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------